**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 262/2020 AGV;</u>**

**AB bhala mandatarja specjali tal-imsiefer CD**

**U**

**ED**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB noe u ED , datat** 13 ta' Awwissu 2020, fejn ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewgu fl- 4 ta' Lulju 2008, kif jidher mid-dokument anness Dok A, u minn dil-ghaqda twieled tifel FD fl- 14 ta' Marzu 2009, u li ghalhekk ghadu minorenni;

2. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' seperazzjoni datat 5 ta' Awwissu 2020, fl-atti tan-nutar Dr. Matthew Borg, u kopja tal-istess qed tigi hawn annessa , u mmarkata Dok. B;
3. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Stante illi l-partijiet ilhom ma jghixu fl-istess residenza mill-25 ta' Novembru 2015, huma ghandhom hajja totalment separata u indipdenti minn xulxin;
4. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra u dana anka ghaliex huma rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment minghand xulxin, u dana kif jirrizulta minn klawzola numru 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni.
5. Illi l-hlas ta' sehem ir-ragel mill-manteniment tat-tifel fis-somma ta' elf Ewro fix-xahar fil-konfront ta' FD qed jigi imhallas regolarment minnu kif miftiehem bejn il-partijiet;
6. Illi dal-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju u dikjarazzjoni guramentata f'das-sens riljaxxjata miz-zewg partijiet , qed jigu hawn annessi , u mmarkati Dok. C u Dok. D;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja d-divorzju, ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili

relattivi fir-Registru Pubbliku u dana ai termini tal-artikolu 66 A (4) tal-Kodici Civili. Kap. 16, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**